**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 10/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Redeemer Abdel Ghany**

Illum it-8 ta' Mejju 2025

Il-Qorti:

Rat illi tressaq b'arrest Redeemer Abdel Ghany, ta' 28 sena, iben Shaban Abdel Ghany u Patricia Farag Abdel Ghany Ali, imwieled Pietà, Malta nhar is-26 ta' Frar 1996, mingħajr indirizz fiss, detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 117996M.

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe talli:

Fis-sitta u għoxrin (26) jum ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) f'xi ħin bejn nofsil-lejl (00:00am) u l-erbgħa (04:00am) ta' filgħodu ġewwa r-ristorant bl-isem ta' Corner View, li jinsab Triq ix-Xatt ġewwa Marsaskala u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serqa ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u valur, liema valur tal-ħaġa misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' Josef Abdel Ghany u/jew Mohammed Abdel Rahman Farag Abdel Ghany Ali u/jew persuni oħra u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur *tal-Artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(b), 267, 270, 279(a) u 280(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*.

U aktar talli fil-ħdax (11) ta' Diċembru 2024 f'xi ħin bejn in-nofsiegħa (00:30am) u s-sitta u nofs (06:30) ta' filgħodu ġewwa r-ristorant bl-isem ta' Corner View, li jinsab Triq ix-Xatt ġewwa Marsaskala u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer Maltin:

2. Ikkommetta serqa ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u valur, liema valur tal-ħaġa misruqa kien iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' Josef Abdel Ghany u/jew Mohammed Abdel Rahman Farag Abdel Ghany Ali u/jew persuni oħra u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur *tal-Artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 279(b) u 280(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*.

U aktar talli fit-tmienja u għoxrin (28) jum ta' Diċembru 2024 f'xi ħin bejn nofsilejl (00:00am) u l-erbgħa (04:00am) ta' filgħodu ġewwa r-ristorant bl-isem ta' Corner View, li jinsab Triq ix-Xatt ġewwa Marsaskala u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer Maltin:

3. Ikkommetta serqa ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u valur, liema valur tal-ħaġa misruqa kien iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' Josef Abdel Ghany u/jew Mohammed Abdel Rahman Farag Abdel Ghany Ali u/jew persuni oħra u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur *tal-Artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(a), 265, 267, 270, 279(b) u 280(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*.

U aktar talli fil-ħames (05) jum ta' Jannar 2025 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer Maltin:

4. Għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ u dan bi ksur *tal-Artikolu 338(w) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*.

5. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet xi ħaġa misruqa jew xi ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas milli jgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta hekk sar jaf u dan bi ksur *tal-Artikolu 334A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikoli 15A u/jew 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2025 l-Uffiċjal Prosekutur qara u ikkonferma l-akkużi bil-ġurament.[1]

Rat li matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2025, ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat wieġeb li kien ħati tar-reati addebitati lilu u minn jeddu irreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta avżatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa lura minnha.[2]

Rat li l-imputat reġa' tenna u ikkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.[3]

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssibu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u li a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront tal-imputat.

Rat illi m'hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċentament ppruvati.

---

[1] Folio 3-5 tal-atti proċesswali
[2] Folio 20 tal-atti proċesswali
[3] Folio 3-5 tal-atti proċesswali

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2025 id-difiża talbet sabiex isir *pre-sentencing report*.[4]

Rat il-*pre-sentencing report* ippreżentat mill-*probation officer* Joanna Farrugia fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2025.[5]

Rat il-fedina penali tal-imputat datata 23 ta' Diċembru 2024.[6]

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2025.[7]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[8]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ jirrigwarda tliet serqiet aggravati illi seħħew bejn is-26 ta' Novembru 2024 u t-28 ta' Diċembru 2024, kollha minn ġewwa r-restorant bl-isem Corner View, sitwat Triq ix-Xatt, Marsaskala. Dan is-serq sar għad-detriment ta' Josef Abdel Ghany u/jew Mohammed Abdel Rahman Farag Abdel Ghany Ali. Minn l-investigazzjonijiet tal-pulizija, ġie arrestat u mressaq l-imputat Redeemer Abdel Ghany b'rabta ma' dawn is-serqiet.

[4] Folio 3-5 tal-atti proċesswali
[5] Dok. JF1, Folio 34-64 tal-atti proċesswali
[6] Dok. GK6, Folio 19 tal-atti proċesswali
[7] Folio 66-69 tal-atti proċesswali
[8] Folio 65 tal-atti proċesswali

**Ikkunsidrat**

**Piena**

In vista tal-ammissjoni li ġiet reġistrata mill-imputat waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2025, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu u bl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tqis li m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputat ħati tar-reati addebiti kontrih u għalhekk ser tgħaddi sabiex tippronunzja sentenza fil-konfront tiegħu.[9]

Illi għall-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata fuq dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-segwenti fatturi:

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali tal-imputat aġġornata sat-23 ta' Diċembru tas-sena 2024.[10] Illi fil-fedina penali jinsabu reġistrati żewġt sentenzi fejn waħda minnhom tirrigwarda kundanna ta' serq.

2. L-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri.[11]

3. F'dan ir-rigward il-Qorti ikkunsidrat il-ġurisprudenza nostrana u dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[12] Hawn hekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

[9] Folio 20 tal-atti proċesswali
[10] Dok. GK6, Folio 19 tal-atti proċesswali
[11] Folio 20 tal-atti proċesswali
[12] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**, Qorti Kriminali, 24/2/1997; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7/7/2002; App. Nru: 385/2015, **Il-Pulizija vs. Andre Falzon**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 19/11/2015; App. Nru: 99/2017, **Il-Pulizija vs. Godfrey Formosa**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 26/10/2017; *Archbold 2021 Sentencing Guidelines*, Thomson Reuters, London, 2021; u, *Blackstone's Criminal Practice 2006*, Oxford University Press, Oxford, 2005

*"Kull Qorti kellha u għad għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi hi jekk il-każ jimmeritax tnaqqis fil-piena minħabba li tiġi reġistrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra tnaqqis fil-piena minħabba f'hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-oħra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkużi li hemm dedotti kontra tiegħu għandu jkun penalizzat minħabba l-kontestazzjoni tiegħu. Kull persuna akkużata għandha dritt li tikkontesta l-akkużi dedotti kontra tagħha u tipproduċi x-xhieda idoneji. Għalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-proċess jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m'għandux jiġi penalizzat jekk ma jammettix."*[13]

4. Għalhekk, il-Qorti tqis li l-ammissjoni tal-imputat għandha titqies bħala attenwanti favur tiegħu.

5. B'żieda għal dan, il-Qorti tqis ukoll illi l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi.

6. L-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija. Huwa irrilaxxja stqarrija u irrisponda għal kull mistoqsija li saritlu mingħajr ma ipprova ikun evażiv. L-imputat ammetta minnufih waqt l-interrogazzjoni l-ħtija tiegħu mal-Pulizija.[14]

7. Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi fi żmien il-kommissjoni tar-reat l-imputat kien maħkum mill-vizzju tad-droga. Dan hekk kif ikkonfermat mill-*pre-sentencing report* ippreżentat mill-*probation officer* Joanna Farrugia fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2025.[15]

---

[13] App. Nru: 13/2002, **Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11/11/2004

[14] Dok. GK4, Folio 14-17 tal-atti proċesswali

[15] Dok. JF1, Folio 34-64 tal-atti proċesswali

8. Illi l-Qorti ikkonsidrat in-natura serja tar-reati u l-valur sostanzjali ta' flus li l-imputat qiegħed jammetti illi seraq.

9. Illi l-ewwel tlett imputazzjonijiet jirrigwardaw serq aggravat bil-mezz (263), bil-ħin (Art. 270) u bil-valur (Art. 267, Art. 279), li skond l-Artikolu 280(2) l-piena applikabbli hija dik ta' priġunerija għal żmien bejn tlettax-il (13) xahar sa seba' (7) snin, iżda minħabba li s-serq huwa ikkwalifikat ukoll bil-mezz, din il-piena għandha tiġi miżjuda bi grad.

10. Illi skond l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali meta l-liġi tiddisponi espressament li l-piena m'għandhiex tingħata fil-minimu, il-piena li għandha tingħata għandha dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu.

11. Illi l-imputat ammetta wkoll għar-raba' imputazzjoni u ċioe għall-kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku ikkontemplata taħt l-Artikolu 338(w).

12. Kif ukoll, l-imputat ammetta għall-ħames imputazzjoni dik taħt l-Artikolu 334A li ġġorr magħha il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet (3) xhur jew multa.

13. Illi l-Qorti ikkunsidrat fit-tul dwar il-konkors ta' reati f'dan il-każ u l-gravità tagħhom fil-komputazzjoni tal-piena li għandha tiġi inflitta in linea mad-disposti tal-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9.

14. Il-Qorti qieset il-kontenut tar-rapport ta' qabel is-sentenza u x-xhieda tal-uffiċjal tal-*probation* Joanna Farrugia li irrakkomandat li l-aħjar soluzzjoni sabiex l-imputat jiġi mgħejjun jindirizza l-problemi tiegħu u jiġi mgħejjun ikollu ħajja aktar stabbli huwa li ikun f'ambjent sigur fi ħdan il-ħabż sabiex minn hemm ikun jista' jsegwi programm ta' riabilitazzjoni. Ġie rakkomandat li tingħata piena karċerarja għal terminu ta' sentejn (2)

sabiex l-imputat jingħata biżżejjed opportunità li itemm il-programm ta' riabilitazzjoni b'suċċess.

15. Il-prosekuzzjoni qablet mar-rakkomandazzjoni tal-*pre-sentencing report* u issottomettiet li l-imputat għandu jiġi ikkundannat piena ta' sentejn (2) priġunerija effettivi flimkien ma' ordni ta' kumpens fl-ammont ta' ħdax-il elf Ewro (€11,000). Intalab ukoll illi tingħata Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tliet (3) snin. In oltre, dwar it-talba sabiex il-Qorti tipprovdi għas-sigurtà tal-vittmi, il-prosekuzzjoni issottomettiet illi mhux qed tinsisti għaliha stante li l-vittmi huma familjari tal-imputat.

16. Il-Qorti ħadet nota tas-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni li mhux qegħda tinsisti fuq it-talba tagħha ai termini tal-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-vittmi.

17. Min-naħa l-oħra d-difiża irrimettiet ruħha għar-rakkomandazzjoni kontenuta fil-*pre-sentencing report* u issottomettiet illi l-imputat għandu bżonn jingħata kull għajnuna sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga.

18. Illi l-Qorti m'hijiex marbuta ma' dak li ipproponew il-partijiet in linea ta' piena iżda tqis li din il-piena hija waħda legalment proponibbli u fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

19. Illi l-Artikolu 142(1) tal-*Criminal Justice Act* 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena u ċioe:

"*(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*".

20. Illi allura min hu imsejjaħ sabiex jiġġudika m'għandux iħares biss lejn l-interessi tal-persuna ikkundannata iżda għandu jara illi jħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u tas-soċjetà in ġenerali billi jagħti dik il-piena li għandha sservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kommissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-riabilitazzjoni u ir-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lill-pubbliku u li l-ħati jagħmel riparazzjoni għal ħażin li ikun għamel.

21. Dwar dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi:

> *"Il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjetá fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi riprestinata t-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjetà dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena"*.[16]

Miżmumin fermi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, u anke fuq ir-rakkomandazzjoni tal-*pre-sentencing report*, il-Qorti tqis illi l-aktar piena idonea hija waħda karċerarja, sabiex l-imputat iżomm il-bogħod mid-droga u ma ikomplix jirrovina ħajtu b'dan il-vizzju qerriedi li ħakmu.

[16] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28/11/2006

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 263(b), 264(1), 265, 267, 270, 279(a), 279(b), 280(1), 280(2), 334A, 338(w), 382, 383, 384, 385, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil Redeemer Abdel Ghany fuq ammissjoni tiegħu stess **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **sentejn (2) priġunerija**.

In oltre, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A, 28H u 532A tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati iħallas l-ammont ta' **ħdax-il elf Ewro (€11,000)** lil Josef Abdel Ghany u/jew Mohammed Abdel Rahman Farag Abdel Ghany Ali fi żmien massimu ta' **sitt (6) xhur** mil-lum bħala kumpens. Illi f'każ ta' nuqqas ta' ħlas mill-imputat, din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

In oltre, peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet relatati mal-vizzju tad-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' **tlett (3) snin** mil-lum u dan skond il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabbiltà tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

In vista tal-konsiderazzjonijiet magħmula, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati esperti u/jew periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Mogħtija illum nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**